A.L. 35 ta' l-1983

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITA' TAD-DJAR
(ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1983 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà)
(Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1983 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru.2).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-8 ta' Lulju, 1983.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(a) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' l-Iklin, limiti ta' Birkirkara:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 9 tal-kejl ta' madwar 186 metri kwadri li tmiss minn Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar;

(ii) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 246 metri kwadri liema art se tkun miżjuda mal-*Plot* Nru. 16 li tmiss minn Nofs in-Nhar u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar;

(iii) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 184 metri kwadri liema art se tkun miżjuda mal-*Plot* Nru. 17 li tmiss mil-Lbiċ u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar;

(iv) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 42 sa 49, 50 sa 53 u 67 sa 70 tal-kejl ta' madwar 4661 metri kwadri li tmiss minn Nofs in-Nhar, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar.

(v) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 20 sa 29, 121 sa 127 u 142 tal-kejl ta' madwar 5370 metri kwadri li tmiss mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern, mit-Tramuntana u minn Nofs in-Nhar ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar, u mil-Lvant parti ma' triq pubblika u parti ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar;

(vi) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 62 u 63 tal-kejl ta' madwar 723 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern;

(vii) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 106 metru kwadru liema art se tkun miżjuda mal-*Plot* Nru. 71 li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar;

(viii) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 123 metri kwadri liema art se tkun miżjuda mal-Plot Nru. 73 li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar;

(ix) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 134 metri kwadri liema art se tkun miżjuda mal-*Plots* Nri. 84 u 85 li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern u minn Nofs in-Nhar u mil-Lvant ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar;

(x) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 132 metri kwadri liema art se tkun miżjuda mal-*Plots* Nri. 86 u 87 li tmiss minn Nofs in-Nhar u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar;

(xi) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 40 metru kwadru liema art se tkun miżjuda mal-*Plot* Nru. 101 li tmiss mill-Grigal, mix-Xlokk u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar;

(xii) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 50 metru kwadru liema art se tkun miżjuda mal-*Plot* Nru. 102 li tmiss minn Nofs in-Nhar u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u mit-Tramuntana u mill-Punent ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar;

(xiii) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 78 metri kwadri liema art se tkun miżjuda mal-*Plot* Nru. 111 li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern, minn Nofs in-Nhar u mill-Punent ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar u mil-Lvant ma' triq pubblika;

(xiv) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 63 metri kwadri liema art se tkun miżjuda mal-*Plot* Nru. 118 li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar;

(xv) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 143 sa 151 u 153 sa 165 tal-kejl ta' madwar 6107 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral, mill-Grigal, minn Nofs in-Nhar u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern.

(b) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Farżina, Ħal Qormi:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 39, 40 u 71 sa 75 tal-kejl ta' madwar 1985 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 59 u 60 tal-kejl ta' madwar 437 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern;

(iii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri 62 sa 65 tal-kejl ta' madwar

1053 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar, mill-Punent u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern;

(iv) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 66 tal-kejl ta' madwar 483 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar, mill-Punent u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern;

(v) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 67 tal-kejl ta' madwar 211 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(vi) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 68 tal-kejl ta' madwar 223 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(vii) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 69 tal-kejl ta' madwar 223 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

(ċ) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Ħaż-Żabbar li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru 100 tal-kejl ta' madwar 160 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' passaġġ pubbliku, minn Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Gvern, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Ġiljan Marmarà u mill-Punent ma' proprjetà ta' Victor Ebejer.

(d) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern, is-Sannat, Għawdex:

(i) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 111 metri kwadri liema art se tkun miżjuda mal-*Plots* Nri. 32 sa 36 li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 157 metri kwadri liema art se tkun miżjuda mal-*Plots* Nri. 1 u 13 sa 16 li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar, mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern.

(e) Id-dar numru 77, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ħad-Dingli.

(f) Id-dar numru 27, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Marsaxlokk.

(ġ) Id-djar numri 21 u 25, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, l-Imġarr, Malta.

(ħ) *Flat* numru 7, Blokk B3, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, il-Mosta.

(i) Id-dar numru 4, Fażi 1, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ħal Safi.

(j) Id-djar li ġejjin f'Santa Lucia:—

(i) Id-dar numru 29, (Shalom), Neighbourhood 2, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Santa Lucia;

(ii) Id-dar numru 1, Triq Camelia, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Santa Lucia.

(k) Flat numru 3 fi 26, Triq il-Knisja, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Paceville limiti ta' San Ġiljan.

(l) Id-djar numri 1 u 44, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, is-Siġġiewi.

(m) Il-*flats* li ġejjin f'Ta' Xbiex:—

(i) *Flat* numru 4, Blokk A1, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ta' Xbiex;

(ii) *Flat* numru 5, Blokk F1, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ta' Xbiex.

(n) *Flat* numru 3, Blokk I, Triq Merkanti, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, il-Belt Valletta.

(o) Id-dar numru 9, Blokk 2, Triq Sciortino, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ħaż-Żebbuġ, Malta.

(p) Id-dar numru 100, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, iż-Żejtun.

(q) Id-dar numru 70, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, iż-Żurrieq.

(r) Id-djar li ġejjin fir-Rabat, Għawdex:—

(i) Id-djar numri 1 u 19, Triq 7 ta' Ġunju, 1919, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Taċ-Ċawla, ir-Rabat, Għawdex;

(ii) Id-djar numri 5 u 13, Triq Sannat, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Taċ-Ċawla, ir-Rabat, Għawdex;

(iii) Il-*flats* numri 12 u 17, Triq Sannat, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Taċ-Ċawla, ir-Rabat, Għawdex.